

Brussell, 23 ta' Frar 2022  
(OR. en)

6273/22

POLGEN 19  
INST 34  
JUR 81

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**li testendi aktar id-deroga temporanja  
mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430,  
fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430<sup>1</sup> introduċiet deroga ta' xahar mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill<sup>2</sup> fir-rigward ta' deċiżjonijiet li tintuża l-proċedura ordinarja bil-miktub, fejn dawk id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper). Dik id-deroga kienet prevista li ddum sat-23 ta' April 2020.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88 I, 24.3.2020, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/430 tipprovdi li, jekk ikun iġġustifikat minn kontinwazzjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kunsill jista' jgħeddek dik id-Deċiżjoni. Fil-21 ta' April 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/556<sup>1</sup>, estenda d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 b'perijodu ieħor ta' xahar mit-23 ta' April 2020. Dik l-estensjoni tad-deroga kienet prevista li ddum sat-23 ta' Mejju 2020. Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/702<sup>2</sup>, estenda d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 sal-10 ta' Lulju 2020. Fit-3 ta' Lulju 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/970<sup>3</sup>, estenda dik id-deroga sal-10 ta' Settembru 2020.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 128 I, 23.4.2020, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702 tal-20 ta' Mejju 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 u estiża bid-Deċiżjoni (UE) 2020/556 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 38).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970 tat-3 ta' Lulju 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 216, 7.7.2020, p. 1).

F1-4 ta' Settembru 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/1253<sup>1</sup>, estenda dik id-deroga sal-10 ta' Novembru 2020. Fis-6 ta' Novembru 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/1659<sup>2</sup>, estenda dik id-deroga sal-15 ta' Jannar 2021. Fit-12 ta' Jannar 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2021/26<sup>3</sup>, estenda dik id-deroga sad-19 ta' Marzu 2021. Fit-12 ta' Marzu 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) (EU) 2021/454<sup>4</sup>, estenda dik id-deroga sal-21 ta' Mejju 2021. F1-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2021/825<sup>5</sup>, estenda dik id-deroga sas-16 ta' Lulju 2021.

- 
- <sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1253 tal-4 ta' Settembru 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702 u (UE) 2020/970, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 294, 8.9.2020, p. 1).
  - <sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1659 tas-6 ta' Novembru 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970 u (UE) 2020/1253, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 376, 10.11.2020, p. 3).
  - <sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26 tat-12 ta' Jannar 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253 u (UE) 2020/1659, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 11, 14.1.2021, p. 19).
  - <sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15).
  - <sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/825 tas-20 ta' Mejju 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 183, 25.5.2021, p. 40).

Fit-12 ta' Lulju 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1142<sup>1</sup>, estenda dik id-deroga sat-30 ta' Settembru 2021. Fl-24 ta' Settembru 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/1253<sup>2</sup>, estenda dik id-deroga sat-30 ta' Novembru 2021. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2021/2098<sup>3</sup>, estenda dik id-deroga sat-28 ta' Frar 2022.

- (3) Minħabba li għad hemm iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, b'għadd ta' miżuri straordinarji preventivi u ta' konteniment meħuda mill-Istati Membri li għadhom fis-seħħ, teżisti l-ħtieġa li tiġi estiża d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430, kif estiża permezz tad-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253, (UE) 2020/1659, (UE) 2021/26, (UE) 2021/454, (UE) 2021/825, (UE) 2021/1142, (UE) 2021/1725 u (UE) 2021/2098, għal perijodu limitat ieħor sat-30 ta' Ġunju 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1142 tat-12 ta' Lulju 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 91).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1725 tal-24 ta' Settembru 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 344, 29.9.2020, p. 5).

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2098 tal-25 ta' Novembru 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 427, tat-30.11.2021, p. 194).

*Artikolu 1*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 hija estiża aktar sat-30 ta' Ġunju 2022.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---